



KUMMISSJONI EWROPEA

UFFIĊĊJU GĦALL-GĦAJNUNA UMANITARJA (ECHO)

ECHO - STRATEĠIJA GĦALL-GĦAJNUNA 2004

Verżjoni finali 18/12/2003

1. SOMMARJU EŻEKUTTIV

Id-dokument li ġej jistabbilixxi l-linji ta' gwida strateġiċi għall-operazzjonijiet ta' għajjnuna umanitarja ta' l-ECHO għall-2004. Bħala l-Uffiċċju għall-Għajjnuna Umanitarja tal-Komunità, l-ECHO jipprovdi assistenza fuq bażi mhux diskriminatorja lil popolazzjonijiet ta' pajjiżi terzi li huma affetwati minn diżastri kemm maħluqa mill-bniedem u kemm naturali u anki lil dawk milquta minn kunflitti. ECHO jisħaq li jipprovdi din l-assistenza determinata biss skond il-bżonn u mhux suġġetta għal kunsiderazzjonijiet politiċi. ECHO jimmira wkoll li jassisti popolazzjonijiet milquta biex jergġu jakkwistaw l-awto-suffiċenza. Għal dan il-għan, ECHO huwa nvolut attivament fl-implimentazzjoni tar-rabta bejn sokkors, riabilitazzjoni u żvilupp (LRRD). L-Uffiċċju jaħdem ukoll biex imexxi 'l quddiem it-tħejjija għad-diżastri. Il-popolazzjoni ċivili tkompli tkun il-mira prinċipali u l-vittima ta' kunflitti vjolenti. L-Asja u l-Afrika huma r-reġjuni tad-dinja l-aktar milquta. In-numru ta' nies m'caqalqa minn djarhom (IDPs) madwar id-dinja jibqa' għal 25 miljun. F'figuri assoluti n-numru ta' refuġjati niżel, wara r-ritorn ta' 2 miljuni ta' ċivili ta' l-Afganistan. Dan wassal biex in-numru globali niżel għal 10.4 miljun refuġjat. Madanakollu, dan ma jfissirx li tinħtieġ anqas għajjnuna umanitarja ladarba mhux biss l-IDPs u r-refuġjati huma fil-bżonn ta' assistenza imma anki dawk li qed jirritornaw lura lejn pajjiżhom.

Fuq livell globali n-numru ta' diżastri naturali żdied matul dawn l-aħħar għaxar snin, bin-nuqqas ta' ikel bħala l-akbar kawża ta' mewt. Hawn ukoll, set ieħor ta' *data* trid tiġi analizzata sabiex tiġi stabbilita s-sitwazzjoni umanitarja: Minkejja n-numru ta' mwiet minħabba diżastri naturali ġie rrapurtat globalment li naqas, in-numru ta' nies milquta żdied u dan wassal għal żjieda fil-bżonnijiet umanitarji.

Fl-2004 ECHO ħa jkompli jagħmel l-interventi tiegħu f' artijiet li l-aktar jeħtieġu bżonnijiet umanitarji, skond kif identifikati mill-assessjar tal-bżonnijiet globali ta' l-2004: fil-Qarn ta' l-Afrika, fil-Lagi Kbar, fl-Afrika tal-Punent u fl-Afrika t' Isfel – u ċerti partijiet ta' l-Asja, b' mod partikolari fl-Iraq u fl-Afganistan. Barra dan, is-sitwazzjoni umanitarja fil-Lvant Nofsani qed tkompli tmur lura drammatikament. ECHO ħa jkompli jagħti attenzjoni speċifika lill-kriżijiet u bżonnijiet minsija, bħal f' Haiti, fis-Sahara tal-Punent, fil-Myanmar/Burma, fin-Nepal, fir-Russja (Ċeċnja), fis-Sudan, fis-Somalja, fit-Tajlandja (fruntiera Burmiża), u fl-Uganda. ECHO ħa jkompli jimpenja ruħu sabiex jindirizza *issues* importanti bħal-LRRD u t-tħejjija għad-diżastri, l-attivitajiet relatati mat-tfal u l-ilma. L-ilma ġie magħżul bħala priorità orizzontali għal minħabba l-importanza tiegħu f' termini ta' rispons għall-ħarsien tal-ħajja fi kriżijiet umanitarji u bħala wieħed mill-elementi jew fatturi li jikkawża diżastri naturali. L-informazzjoni ta' ECHO u l-istrateġija ta' komunikazzjoni fl-2004 ħa tkompli tiffoka fuq li titkellem favur numru ta' *issues* u li żżomm l-"ispazju umanitarju" indipendenti f' sitwazzjonijiet ta' kriżi u li tippreżerva d-dinjità tal-popolazzjonijiet f'diżastri umanitarji.

Dan se jkun ta' importanza partikolari ladarba l-2004 se jkun xhieda ta' numru ta' tibdil sinjifikanti fil-qasam istituzzjonali fuq livelli varji, bl-elezzjoni tal-Parlament Ewropew għal, l-ażżjoni ta' 10 Stati Membri għal u l-ħatra ta' Kummissjoni għal.

2. DIKJARAZZJONI TA' L-GĦANIJET

ECHO – L-Uffiċċju Ewropew għall-Għajnuna Umanitarja huwa s-servizz responsabbli li jipprovdi assistenza umanitarja fuq bażi mhux diskriminatorja lill-pajjiżi tat-tielet dinja u li permezz tiegħu, il-Kummissjoni tesprimi s-solidarjetà konkreta ta' l-Unjoni Ewropea ma' dawk milquta minn kunflitti u diżastri; kemm naturali kif ukoll maħluqa mill-bniedem, madwar id-dinja kollha. Id-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet meħuda mill-Uffiċċju huma deċiżi biss minn evalwazzjoni ta' bżonnijiet umanitarji u mhumiex influwenzati minn jew suġġetti għal kunsiderazzjonijiet politiċi

L-għan ta' ECHO huwa li jiffinanzja t-tqassim koordinat ta' l-assistenza umanitarja tal-Komunità u protezzjoni permezz ta' l-organizzazzjonijiet umanitarji msieħba (organizzazzjonijiet mhux governattivi u organizzazzjonijiet internazzjonali), sabiex isalva u jippreserva l-ħajja, jitnaqqas u jipprevjeni s-sofferenza u jiddefendi l-integrità u d-dinjità tal-popolazzjonijiet tat-tielet dinja milquta minn kriżijiet umanitarji. Kull meta u fejn ikun possibli, l-assistenza ta' ECHO tħares ukoll li tiffaċilita, flimkien ma' strumenti oħra ta' għajnuna, il-miġja lura ta' popolazzjonijiet għall-awto-suffiċenza, sabiex gradwalment jitnaqqsu l-fondi pprovduti minnha meta jintlaħqu kundizzjonijiet sodisfaċenti. B'dik il-perspettiva, l-Uffiċċju għall-Għajnuna Umanitarja huwa involut b'mod attiv li jimplimenta r-rabta bejn sakkors, riabilitazzjoni u żvilupp (LRRD) u li jiżviluppa kooperazzjoni aktar qawwija ma' servizzi oħra tal-Kummissjoni jew donaturi oħra. B'dik il-perspettiva, l-Uffiċċju għall-Għajnuna Umanitarja huwa involut b'mod attiv li jimplimenta r-rabta bejn sakkors, riabilitazzjoni u żvilupp (LRRD) u li jiżviluppa kooperazzjoni aktar qawwija ma' servizzi oħra tal-Kummissjoni u ta' donaturi oħra.

L-ECHO jaħdem ukoll biex jippromwovi t-tnejn għal sitwazzjoni ta' diżastri. Dan isir skond l-esperjenza tiegħu f'dan il-qasam. Bħala parti minn approċċ għal prevenzjoni kontra d-diżastri u t-tnejn għalihom min-naħa tal-Kummissjoni, l-ECHO jagħmel dan sabiex inaqqas kemm il-vulnerabilità u l-espożizzjoni tan-nies għall-perikli u d-diżastri u anki biex jitnaqqsu l-ispejjeż ekonomiċi ta' dawn id-diżastri.

L-għajnuna umanitarja topera f'diffikultajiet ambjentali li huma kkaratterizzati minn imprevedibbiltà, volatilità, insigurtà u aċċess problematiku għall-vittmi. Il-kundizzjonijiet delikati u kumplessi li l-Uffiċċju qed jaħdem fihom, kif ukoll il-fatt li l-operazzjonijiet umanitarji huma mwettqa minn terzi persuni jwassal biex il-kisba ta' numru stabbilit ta' għanijiet politiċi ssir biċċa xogħol iebes. Il-ksib ta' għanijiet politiċi stabbiliti jista' jiddependi fuq fatturi li mhumiex immedjati u taħt il-kontroll operattiv dirett tiegħu.

3. INTRODUZZJONI

Id-dokument preżenti dwar l-istrateġija huwa parti mill-pjanijiet strateġiċi u miċ-ċiklu programmattiv li ssaħħa f'dawn l-aħħar sentejn wara li gawda in ġenerali mir-riforma tal-Kummissjoni u b'mod partikolari mill-introduzzjoni ta' sistema ta' rendiment amministrattiv.

L-istrateġija għall-għajnuna ta' ECHO għall-2004 għandha tidher bħala strument ewlieni fit-tmexxija ta' djalogu miftuħ, wiesa' u trasparenti ma' l-imsieħba u l-partijiet interessati fil-qasam umanitarju. Dan għandu jiġi kkunsidrat ukoll bħala parti mir-rispons li l-Uffiċċju bi ħsiebu jagħti fl-implimentazzjoni konkreta tal- *Prinċipji u Prattiċi Tajbin ta' Donazzjoni Umanitarja* u l- *Pjan ta' Implimentazzjoni għal Donazzjonijiet Umanitarji*

(minn hawn 'il quddiem - *Prinċipji Tajbin tad-Donazzjoni*) li ġew mifthema fi Stokkolma fis-16-17 ta' Ġunju 2003.

Il-*Prinċipji Tajbin tad-Donazzjoni* jpoġġu kundizzjoni li l-fondi umanitarji għandhom ikunu allokatu b'mod proporzjonat mal-bżonn u fuq il-bażi ta' l-assessjar tal-bżonn. B'dan il-mod jiġu riflessi l-punti kruċjali tal-programmar tal-prinċipji ta' l-ECHO. Il-*Prinċipji Tajbin tad-Donazzjoni* jafferaw wkoll il-pożizzjoni primarja ta' Organizzazzjonijiet ċivili fit-twettiq ta' l-implimentazzjoni umanitarja u jsaqsu d-donaturi biex jappoġġjaw id-Direttivi ta' l-1994 fuq l-Użu ta' Assi Militari u ta' Difiża Ċivili fis-Sokkors mid-Diżastri kif ukoll il-Linji ta' Gwida ta' l-2003 fuq l-Użu ta' Assi Militari u ta' Difiża Ċivili biex jappoġġjaw l-attivitajiet Umanitarji tan-Nazzjonijiet Uniti f'Emerġenzi Kumpleksi (minn hawn 'il quddiem 'linji ta' gwida MCDA'). Fis-sena 2003 l-ECHO, flimkien ma' l-Uffiċċju għall-Koordinazzjoni ta' l-Affarijiet Umanitarji ('OCHA'), organizza t-tnedija tal-linji ta' gwida għas-sena 2003 biex juri l-appoġġ kostanti tiegħu għal din il-filosofija li fuqha hija mibnija. Dan ifisser li l-azzjoni umanitarja għandha żżomm l-iskop ċivili tagħha u għandha tkun bbażata fuq prinċipji umanitarji, newtrali, imparzjali u mhux diskriminatorji. Id-difiża u l-argument favur il-bżonn ta' rispett lejn "l-ispazju umanitarju" ħa jkun priorità kostanti.

Fl-2004, l-Uffiċċju għall-Għajnuna Umanitarja ħa jkollu jaħdem f' qafas ta' tranżizzjoni istituzzjonali. Fl-1 ta' Mejju 2004, għaxar Stati Membri ġodda ser jingħaqdu ma' l-Unjoni Ewropea. F' Ġunju 2004, ċittadini madwar l-Unjoni Ewropea ħa jkollhom l-opportunità li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Finalment il-Kummissjoni l-ġdida ħa tibda topera fl-1 ta' Novembru 2004, .

Fil-ħin tal-pubblikazzjoni ta' din l-istrateġija, għadu mhuwiex ċar x'ser isir wara l-Konferenza Intergovernattiva (IGC) ta' l-2004. L-abbozz tat-Trattat Kostituzzjonali ppreparat mill-Konvenzjoni kien lesta provvediment speċifiku li jitratta dwar l-għajnuna umanitarja u saħaq li operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja ser jiġu finalizzati b'konformità mal-prinċipji tal-liġi umanitarja internazzjonali, b'mod partikolari l-imparzjalità u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni. L-attenzjoni u l-viġilanza jridu jiġu miżmuma f'dibattiti ġejjiena fuq politika esterna u fuq id-difiża komuni u politika ta' sigurtà biex jiġu mħarsa l-prinċipji li jirregolaw l-għajnuna u l-ispazju umanitarju.

Wara li f' Ġunju ta' l-2003 ippresjediet il-Grupp ta' Appoġġ għad-Donaturi (i.e. il-laqgħa annwali tad-donaturi prinċipali ta' l-ICRC), l-ECHO ħadet ħsieb it-tnedija ta' l-Appelli Konsolidati tan-Nazzjonijiet Uniti (CAP) għall-2004 ġewwa Brussel f' Novembru 2003. F'din il-laqgħa l-attenzjoni ntefġhet fuq il-"kriżijiet minsija". L-ECHO ħa jibqa' donatur attiv bil-ħsieb ta' koordinazzjoni stretta ma' donaturi kbar oħra u jappoġġja b'mod responsabbli l-Appelli ta' l-Interaġenziji Konsolidati tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u l-Organizzazzjoni ta' l-Appelli tan-Nofs Qamar Aħmar – kif muri tajjeb fil-Prinċipji Tajba ta' Donazzjoni. Fl-istess ħin l-ECHO ħa jkompli jżomm l-approċċ tiegħu ta' "bażi wiesa" fis-sħubija u fid-djalogu wiesa' ma' l-NGO's umanitarji fuq punti umanitarji kruċjali.

L-Uffiċċju ħa jieħu sehem attiv ukoll fil-preparazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għall-perspettivi finanzjarji ġodda mill-2007 'il quddiem, b'enfażi fuq il-kapitlu li jitratta l-għajnuna umanitarja.

4. IS-SITWAZZJONI UMANITARJA GLOBALI U PROSPETTI GĦALL-2004

Ir-riċerka wriet li wara l-Gwerra l-Bierda, b'kuntrast mal-kunflitti interstatali li kienu predominanti fil-passat, il-kunflitti intra-statali saru aktar u aktar importanti. Dan l-iżvilupp jolqot b'mod qawwi l-popolazzjoni ċivili, li saret bersall primarju ta' kunflitti vjolenti. Wara l-klassifikazzjoni magħmula mill-Istitut Heidelberg għar-Riċerka fuq il-Kunflitti Internazzjonali¹, l-evidenza wriet li bejn Diċembru 2002 u Lulju 2003 kienu għaddejjin mhux anqas minn 165 kunflitt politiku. 52 minnhom ġew ikkunsidrati bħala kwistjonijiet vjolenti (kriżijiet, kriżijiet serji jew gwerer) kontra 113-il kunflitt mhux vjolenti (kunflitti latenti, kunflitti fid-deher). Ir-riċerka għal darb'oħra wriet l-Asja u l-Afrika bħala r-reġjuni bl-aktar ammont ta' kunflitti vjolenti li ħafna drabi jwasslu għal sofferenza umana u anki biex popolazzjonijiet ikollhom jiċċaqalqu.

In-numru ta' refuġjati u nies imċaqalqa fil-pajjiż stess (IDP's) jittgħu dawl fuq id-dimensjoni umanitarja tas-sitwazzjoni ġeopolitika. Fl-2002, it-total ta' refuġjati fuq livell globali kważi waqa' b'14%. Minn 12-il miljun għal 10.4 miljuni meta mqabbel ma'l-2001². Ir-raġuni prinċipali qiegħda fir-ritorn ta' xi 2 miljun ċivili lejn l-Afganistan. It-tnaqqis fin-numru ta' nies imċaqalqa ma jimplikax tnaqqis ta' bżonnijiet umanitarji, ladarba r-refuġjati li rritornaw lura lejn l-Afganistan għad għandhom bżonn għajjnuna biex jergħu jibnu hajtjom. In-numru ta' dawk li rritornaw, assistiti mill-UNHCR konsegwentement tela' minn nofs miljun fl-2001 għal kważi 2.5 miljuni fl-2002. Il-figuri tal-UNHCR ma jinkludux però' aktar minn 4 miljun refuġjat Palestinjan li huma reġistrati ma'l-Aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti tas-Sokkors u x-Xogħlijiet għar-Rifuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib (UNRWA)³. Konsegwentement minkejja l-fatt li numru ta' refuġjati għodda reġistrati mill-UNHCR (kważi 300,000) kien 69% anqas minn dak ta'l-2001, bl-akbar ċaqliq jidher fl-Afrika sub-Saharana, il-ħtiġijiet globali żdiedu. Skond il-UNHCR l-Asja tilqa' l-ikbar popolazzjoni ta' refuġjati fid-dinja (4.2 miljun) segwita mill-Afrika (3.34 miljun) u mill-Ewropa (2.14 miljun).

In-numru ta' IDP's fid-dinja jibqa' ta' 25 miljun, bl-Afrika tgħodd numru ta' IDP's ikbar mill-bqija tad-dinja meħuda f'daqqa, b'total ta' 13-il miljun persuna mċaqalqa mid-djar minħabba kunflitti⁴. In-numru kostanti ta' 25 miljun ta' IDP's fl-2002 jindika sitwazzjoni statika, filwaqt li fir-realtà kien hemm moviment maġġuri ta' ċaqliq ta'nies b' madwar tliet miljun IDP jmorru lura lejn djarhom u numru simili ta' nies oħra mġagħla jiċċaqalqu. Iż-żewġ gruppi jeħtieġu assistenza.

Kif ħareġ mill-punti prinċipali tar-Rapport tad-Diżastri Dinjija 2003⁵, fl-2002 ġew rappurtati aktar diżastri minn kull sena oħra tul id-deċenju li jibda mill-1992 sa l-2001.

¹ Istitut Heidelberg għar-Riċerka fuq il-Kunflitti Internazzjonali (HIK), "Earlt Detection of Man-made Crises", Rapport Intermedju ta'l-ECHO (Awwissu, 2003), http://www.hiik.de/en/index_e.htm.

² <http://www.unhcr.ch/cgi-bin/texis/vtx/basics> f' "Refugees by Numbers", Edizzjoni 2003

³ <http://www.un.org/unrwa/publications/index.html>; Id-definizzjoni ta' refuġjat skond il-UNRWA tinkludi wkoll dawk id-dixxendenti ta' nies li saru refuġjati fl-1948. In-numru ta' Palestinjani reġistrati bħala refuġjati żdied b'mod kostanti minn 914.000 fl-1950 għal aktar minn erba' miljuni fl-2003. Dan-numru qed ikompli jżdied minħabba ż-żieda naturali tal-popolazzjoni.

⁴ http://www.idpproject.org/global_overview.htm

⁵ <http://www.ifrc.org/publicat/wdr2003/> : IFRC World disasters Report 2003 Homepage

Diżastri fl-2002 waslu għal anqas imwiet imma kellhom impatt akbar minn dawk tad-deċenju ta' qabel. 24.550 persuna ġew rappurtati li nqatlu s-sena l-oħra meta mqabbla mal-medja ta' 62.000 maqtula fis-sena, tul l-aħħar għaxar snin. Madanakollu, mhux anqas minn 608 miljun huma stmati li ġew affetwati. Dawn il-aħħqu tliet darbiet aktar mill-medja annwali mill-1992 sa l-2001. Nies mill-pajjiżi l-anqas żviluppati fid-dinja għandhom riskju akbar li jsiru vittima ta' xi diżastru. Mill-24,500 rappurtati li ġew maqtula, 94% kienu jgħixu f' pajjiż li qed jiżviluppa.

Fuq livell globali, in-numru ta' diżastri relatati mal-kundizzjonijiet tat-temp żdied minn medja annwali ta' 200 fil-perjodu bejn l-1993 u l-1997 għal medja annwali ta' 331 fil-perjodu bejn l-1998 u l-2002. Matul l-aħħar għaxar snin in-nuqqas ta' ikel jidher li wassal għall-aktar numru ta' mwiet (275.000 persuna maqtula, kważi nofs il-fatalitajiet kollha rrapurtati), filwaqt li l-għarar laqat aktar nies minn kull diżastru naturali jew teknoloġiku ieħor (140 miljun bħala medja annwali). L-IFRC fir-Rapport fuq id-Diżastri Dinjija 2003, tefa' dawl fuq il-fatt li l-ammont ta' mwiet madwar id-dinja naqas b' 93% meta nqabblu l-perjodi bejn l-1983-1992 u l-1993-2002, filwaqt li n-numru ta' nies milquta mid-diżastri matul l-istess perjodi żdied b'54%. Dan wassal għal aktar bżonn ta' għajjuna umanitarja.

Meta tittieħed azzjoni dwar kriżijiet naturali u kriżijiet mahuqa mill-bniedem, id-donaturi u l-organizzazzjonijiet umanitarji aktar ma jmur, huma dejjem aktar konfrontati ma' l-impatt ta' l-HIV/AIDS fuq dawg il-popolazzjonijiet li magħhom tkun qed titwettagħ ħidma ta' sikkors. F'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, ir-relazzjoni bejn l-AIDS u fatturi oħra fil-bidu ta' kriżi, toħloq sfida oħra kemm għall-komunitajiet milquta kif ukoll għall-aġenziji umanitarji. 'Il bogħod milli tiġi taħt kontroll, l-AIDS qed tkompli tinxtered mad-dinja kollha. Fl-Afrika ta' Isfel, l-AIDS issa saret il-kawża primarja ta' mewt u r-raba' l-aktar marda qattela madwar id-dinja. Id-dħul ta' l-ECHO fit-taqbida kontra l-AIDS huwa limitat mill-mandat umanitarju tiegħu li jsalva l-ħajja tan-nies immedjatament wara l-konsegwenza ta' xi kriżi kif ukoll limitat mir-riżorsi li għandu disponibbli. Fejn possibli u fattibli, l-approċċ ta' l-ECHO ħa jibqa jkun dak li jagħti attenzjoni lill-HIV/AIDS fl-attivitajiet umanitarji, b'mod partikolari meta l-HIV/AIDS ikollha impatt fuq l-effettività ta' l-attività ta' appoġġ u fuq il-kapaċità ta' resistenza tal-popolazzjoni milquta. L-għan ta' l-appoġġ ta' l-ECHO huwa li jgħin biex jitnaqqas t-tkattir ta' l-HIV u mwiet matul l-operazzjonijiet umanitarji. Madankollu l-HIV/AIDS teħtieġ ħidma kostanti u tiġi bżonn żvilupp fl-approċċ lejn il-problema li jmur lil hinn mis-sitwazzjonijiet ta' emerġenza⁶ biss. Madankollu, ir-reazzjoni ta' ECHO fuq din il-kwistjoni hija limitata minħabba l-mandat tiegħu li jopera f'kundizzjonijiet ta' emerġenza⁶ u anki minħabba t-tip ta' azzjonijiet li joperaw fihom li fin-natura tagħhom huma ristretti fiż-żmien.

Din id-direzzjoni ġenerali tikkonferma l-għażliet strateġiċi tal-passat ta' ECHO: li jiffoka l-operazzjonijiet tiegħu fuq il-“mandat ewlieni” (i.e. li jippreserva l-ħajja matul l-

⁶ Ara l-Messaġġ mill-Kummissjoni għall-Kunsill u l-Parlament Ewropew: Programm ta' Azzjoni: Azzjoni immedjata fuq l-HIV/AIDS, malarja u tubercolożi fil-kuntast tat-tnaqqis ta' faqar, COM (2001) 96 Finali. Id-dokument juri l-azzjoni wiesa' u koerenti tal-Komunità matul il-perjodu bejn 2001 u l-2006 rigward l-emerġenza globali mahuqa minn tliet mardiet globali li jittieħdu; HIV/AIDS, malarja u tubercolożi.

emerġenzi u x-xenarji ta'wara) filwaqt li jmxexxi 'l quddiem il-politika ta' rabta attiva bejn l-emerġenza u strumenti ta' għajnuna aktar fit-tul.

5. PRINĊIPJI PROGRAMMATIĊI ĠENERALI U GĦANIJET EWLENIN GĦALL-2004

Fiż-żamma ta' l-aħjar sistemi tal-protagonisti umanitarji ewlenin u fuq l-istess linja ma' Art. 16 tar-Regolament 1257/96, l-ECHO jagħti definizzjoni tal-prinċipji programmatiċi orizzontali kif ukoll ġeografiki għal operazzjonijiet umanitarji li ser jitwettqu s-sena d-dieħla. Dawn il-prinċipji programmatiċi jieħdu in konsiderazzjoni t-tendenzi globali, il-lezzjonijiet li ttieħdu fl-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet ta' għajnuna fil-post, kif wkoll il-limitazzjonijiet ta' riżorsi f'termini ta' budget u ta' nies. Il-prinċipji programmatiċi għall-2004 ikomplu fuq il-prinċipji li saħħu l-għajnuna strateġika fis-snin ta' qabel. Dawk il-prinċipji ġew imħaddna u appoġġjati bl-istess mod mill-Istati Membri, mill-Parlament Ewropew u mill-imsieħba prinċipali u dan wassal biex il-bżonnijiet reali ġew affrontati b'mod adattat.

• Identifikazzjoni u interventzjoni fil-postijiet ta' l-aktar ħtieġa umanitarja

L-assessjar ta' l-ECHO tal-bżonnijiet, jgħaqqad l-approċċ *bottom-up* ma' dak *top down*. L-assessjar ta' bżonnijiet umanitarji fil-qasam huwa msaħħaħ bi statistika informattiva rilevanti (refuġjati, IDP's, rati ta' mortalità, possibiltajiet ta' diżastru). Għall-iskop li l-operazzjonijiet umanitarji għas-sena 2004 jiġu ppjanati, l-assessjar tal-bżonnijiet mondjali ġew żviluppati aktar. Dan sar bil-bdil ta' l-indikatur "in-nuqqas alimentari ġenerali tal-popolazzjoni" ma' "tfal taħt il-piż għall-eta' tagħhom". B'dan il-mod il-bżonnijiet tat-tfal saru aktar ċentrali. Dan huwa fuq l-istess linja ta' ħsieb ma' l-orjentazzjoni strateġika li għandha tagħti aktar attenzjoni lill-bżonnijiet tagħhom. Skond l-assessjar tal-bżonnijiet globali ta' l-2004 ta' ECHO, il-postijiet li l-aktar jeħtieġu għajnuna umanitarja fil-preżent jinsabu fl-Afrika (il-Qarn, il-Lagi l-Kbar, l-Afrika tal-Punent u n-naħa t'isfel ta' l-Afrika) u l-Asja (Iraq, Afganistan). Apparti dan, is-sitwazzjoni umanitarja fil-Lvant Nofsani qed tmur lura drastikament.

• Attenzjoni speċjali lil “kriżijiet minsija” u “ħtiġijiet minsija”.

Il-prinċipju hawn fuq imsemmi huwa espressjoni diretta ta' approċċ umanitarju bbażat fuq il-bżonnijiet u jiffoka l-operazzjonijiet umanitarji fuq il-bżonnijiet tan-nies. Għaldaqstant ECHO ħa jkompli jagħti appoġġ lill-kriżijiet serji indipendentement mill-livell ta' attenzjoni jew interess li l-mezzi tax-xandir jieħdu. Ħarsa *bottom-up* (fuq is-sit ta' l-operazzjoni) ġiet magħquda ma' approċċ *top-down* biex jiġu identifikati kriżijiet umanitarji serji li jingħataw ftit attenzjoni mill-mezzi tax-xandir u mid-donaturi. Fl-2004, l-Uffiċċju ser jieħu ħsieb il-bżonnijiet umanitarji maħluqa mill-kriżijiet minsija li ġejjin: Il-Haiti, Sahara tal-Punent, il-Mjanmar/Burma, Nepal, Russja (iċ-Ċeċnija), is-Sudan, is-Somalja, it-Tajlandja (Frontiera Burmiża), u l-Uganda ta' Fuq.

• Impenn biex jiġu indirizzati kwistjonijiet wiesa' b'mod adattat

- LRRD u Tħejjija għad-Diżastri,
- Attivitajiet relatati mat-tfal u

- Ilma

Bħala parti essenzjali minn politika ta' għajnuna umanitarja effettiva u sostenibbli, l-**LRRD** ser tibqa' kunsiderazzjoni kostanti fl-ippjanar u t-tmexxija ta' l-operazzjonijiet umanitarji⁷. L-ECHO ħa tkompli timplimenta l-politika attiva ta' l-LRRD. Fl-2004, l-ECHO ħa tkompli tibni fuq ir-riżultati tal-ħidma ta' l-LRRD/DPP Grupp ta' Servizz Intern, stabbilit fil-Kummissjoni fl-2003. Dan ippropona stadji prattiċi għal tmin pajjiżi u żewġ reġjuni (l-Angola, is-Sierra Leone, l-Etjopja, is-Sudan, il-Burundi, il-Kambodja, l-Afganistan, it-Taġikistan, l-Afrika tal-Punent u l-Amerika Ċentrali) bl-iskop li jassigura transizzjoni effettiva minn għajnuna ta' emerġenza għal ċiklu ta' kooperazzjoni itwal fiż-żmien.

B'referenza għal **DIPECHO**, l-istrateġija tiffoka fuq tliet elementi: l-ewwel, żieda moderata fil-budget, it-tieni, proċeduri ta' teħid ta'deċizzjonijiet aktar mgħaġġla pero' bl-istess livell ta' trasparenza u t-tielet, li jolqtu aktar b' operazzjonijiet umanitarji l-aktar partijiet vulnerabbli tad-dinja li huma mħarsa mill-Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Amerika Ċentrali, ix-Xlokk ta' l-Asja, l-Asja Ċentrali u l-Karibew⁸. Dawn kollha qegħdin isegwu programm ta' sentejn. It-tmexxija ta' tħejjija għad-diżastri f' operazzjonijiet ta' sokkors ser jiġu msaħħa mit-titjib fil-metodoloġija li tidentifika u tirrapporta dawn l-operazzjonijiet. Finalment, l-avokatura ser tiġi msaħħa b' żewġ modi: billi tippromwovi l-integrazzjoni tal-miżuri tad-DPP bħala strumenti ta' intervent aktar fit-tul u mmexxija minn servizzi oħra tal-Kummissjoni u donaturi u billi ssaħħa il-parteċipazzjoni ta' l-ECHO f' networks ta' tnaqqis ta' diżastri internazzjonali. L-ECHO ħa jkollu parti attiva biex jaċċerta ruħu li l-miżuri tad-DPP isiru parti mill-approċċ wiesa' ta' l-LRRD.

L-enfażi fuq **it-tfal** kienet diġà parti mill-istrateġija ta' għajnuna ta' l-2003. Dan huwa fuq l-istess linja ta' l-approċċ ta' l-ECHO li huwa ibbażat fuq il-bżonnijiet u l-ħtiġijiet, ladarba t-tfal huma daww bl-inqas mekkaniżmu ta' difiża meta mitfugħa fi kriżi umanitarja. Fl-2004, l-Uffiċċju ħa jkompli jmessi t-tkattir ta' attivitajiet relatati mat-tfal fl-operazzjonijiet umanitarji. L-ewwel assessjar wera li metodoloġija armonizzata u definita sewwa hija meħtieġa. Dan sabiex isiru attivitajiet relatati mat-tfal f' operazzjonijiet umanitarji komparabbli u biex jitkejjel l-impatt tagħhom. Dan jippermetti qabża mill-kejl ta' produzzjoni (eż. kwantità ta' ikel provdut) għall-kejl ta' riżultati (eż. numru ta' ħajjiet salvati). Sa l-aħħar ta' l-2004 l-ECHO ħa jimmira li jiżviluppa din il-metodoloġija billi jibni kemm jista' fuq l-aħjar prattiċi u jkopri daww ix-xogħlijiet diġà żviluppati minn ħafna organizzazzjonijiet umanitarji filwaqt li juża wkoll il-prattiċi tiegħu.

Provvista regolari ta' l-ilma hija waħda mill-bżonnijiet umanitarji l-aktar bażiċi. Matul kriżi umanitarja din issir ta' kuljum fattur ta' sopravvivenza. L-ilma huwa wkoll kruċjali għas-saħħa (direttament u indirettament permezz tas-sanità) flimkien mar-riforniment

⁷ F'dan il-kuntest ECHO tilqa' l-approċċ ta' l-"4 R" (Ripatrijazzjoni, Reintegrazzjoni, Riabilitazzjoni u Rikostruzzjoni) mtennija mill-UNHCR. L-approċċ ta' l-"4 R" jitfa' daww fuq il-ħtieġa li tingħata importanza lir-rabta bejn il-bżonnijiet tar-refuġjati u l-iżvilupp u anki kif l-assistenza fl-iżvilupp tista' twassal għal soluzzjonijiet aktar fit-tul. Ara d-dokument ta' Ħidma tal-Grupp Konsultattiv Informali dwar Soluzzjonijiet fit-tul (Lulju 2002). L-ECHO diġà ħaddan dan l-approċċ billi ffinanzja operazzjonijiet bħar-ripatriazzjoni tar-refuġjati ta' l-Angola, refuġjati miż-Żambja u d-DRK filwaqt li fl-istess ħin imexxu l-kawża tar-reintegrazzjoni permezz ta' strumenti t' intervent fit-tul.

⁸ Jiddependi minn dak li ser joħroġ mill-evalwazzjoni fil-passat ta' l-attivitajiet tad-DPP għar-reġjun.

ta'l-ikel u anki prospetti mar-riabilitazzjoni u rikostruzzjoni fiż-żmien. Għaldaqstant, ġie deċiż li jiżdied l-ilma ma'l-għanijiet orizzontali ta'l-ECHO. Għalissa l-enfażi fl-2004 mhux se jkun fuq it-tħaddim ta' dan il-għan (li se jkun fattibbli parzjalment mill-2005 'l quddiem) imma fuq li tiġi ċċarata l-metodoloġija li trid tintuża. Sabiex tikkalkula aktar l-impatt ta' varji attivitajiet marbuta ma' l-ilma, l-ECHO fl-2004 ħa tibda jiżviluppa tipi diversi ta' metodoloġiji. L-ilma mhux biss strument li jsalva l-ħajja imma jista' jsir huwa stess kawża ta' sofferenza umana u ta' diżastru, i.e. waqt l-għarar. Ser jiġu wkoll irfinuti fl-inqas żmien possibbli, daww l-istrumenti li bihom jiġu kkalkulati u assessjati l-bżonnijiet umanitarji maħluqa minn diżastri relatati ma'l-ilma. L-attenzjoni ta'l-ECHO fuq l-importanza ta'l-ilma timplika wkoll rwol ta' avokatura. Dan billi jinforma l-pubbliku dwar il-bżonn ta' attivitajiet relatati ma'l-ilma f' operazzjonijiet umanitarji u l-bżonn ta' azzjoni f'waqtha mid-donaturi meta jiġu affaċċjati b'diżastru naturali minħabba l-ilma jew in-nuqqas tiegħu (nuqqas ta' xita).

6. PRIORITAJIET ĠEOGRAFIĊI U SETTORJALI FL-2004

L-istrateġija ta'l-2004 sejra tiffoka fuq il-prioritajiet reġjonali li ġejjin:

L-Afrika sub-Saharana:

Hitigijiet umanitarji fuq skala kbira jippersistu fir-reġunijiet kollha ta'l-Afrika. Waqt li l-pressjonijiet ikkawżati min-nixfa fin-naħa t'isfel ta'l-Afrika ittaffew, f'xi wħud mill-pajjiżi kkonċernati, kunflitti intensifikati fir-RDK u fl-Afrika tal-Punent iponu sfidi ġodda oħra fuq il-komunità umanitarja.

Il-kriżi umanitarja fin-**Naħa t'Isfel ta'l-Afrika**, ikkawżata min-nixfa u mill-politika inadegwata, min-naħa ta' xi gvernijiet, dwar is-sigurtà ta'l-ikel, tjiebet f'ċerti pajjiżi minħabba kundizzjonijiet agrikoli aħjar. **Il-Malawi u ż-Żambja**, fost l-oħrajn, m'għadhomx mistennija li se jkunu jeħtieġu għajjnuna ta' emerġenza f'dak li għandu x'jaqşam ma'l-ikel wara l-istaġun tal-ħsad li jmiss; dan minkejja li xorta waħda il-ħtieġa tibqa' f' ċerti postijiet oħra. Fil-**Malawi**, se jkompli l-appoġġ għall-Units ta' Riabilitazzjoni Nutritiva ('URN') u sejjer jiġi estiż programm terapewtiku ta' għoti ta'l-ikel, ibbażat fil-komunità, għat-tfal malnutriti li ma jistgħux jaċċessaw il-URN. Familji vulnerabbli għall-aħħar li huma effettwati mill-HIV/AIDS sejrni jiġu meġġuna bis-saħħa ta' operazzjoni għas-sigurtà ta'l-ikel. Dan jikkuntrasta mas-sitwazzjoni fiż-**Żimbabwe**, fejn il-kriżi politika, bl-implikazzjonijiet ekonomiċi u umanitarji kbar tagħha, se ddum ma tissolva. Parti kbira mill-popolazzjoni se tibqa' fi bżonn kbir ta' appoġġ umanitarju tul il-biċċa l-kbira ta'l-2004. L-ECHO se jibqa' jaħdem sakemm jibqa' jingħata l-aċċess lin-nies fil-bżonn u l-operazzjonijiet umanitarji jkunu jistgħu jiġu implimentati mingħajr ma jiġu kompromessi l-prinċipji umanitarji. **Il-Leżoto** għandu mnejn jeħtieġ l-għajjnuna ta'l-ikel, l-aktar fir-reġunijiet t'isfel. Fl-**Iswaziland** hemm ukoll xi inħawi li għadhom fil-bżonn. Għal dawn iż-żewġ pajjiżi, l-akbar sfida umanitarja hija l-mitigazzjoni ta'l-HIV/AIDS. F'dan ir-rigward, il-priorità hija li t-tfal, l-aktar il-bniet, jitħajru għall-iskola u jibqgħu jattendu.

Wara l-ftehim ta' paċi ta'l-2002 li temm il-gwerra ċivili fl-**Angola**, l-akbar sfida bħalissa hija r-riabilitazzjoni tal-pajjiż, fejn hitigijiet umanitarji kbar għad iridu jintlaħqu. Se tkun ta' importanza kbira l-għajjnuna biex il-popolazzjonijiet effettwati mill-gwerra jerġgħu lura lejn djarhom, fosthom aktar minn miljun IDP u daqs 450,000 rifuġjat minn pajjiżi ġirien, speċjalment mir-RDK u miż-Żambja. L-istrateġija ta'l-ECHO se tibqa' ffukata

mill-qrib fuq approċċ LRRD, bis-setturi ewlenin ikunu s-saħħa primarja, is-sigurtà ta' l-ikel u l-edukazzjoni.

Fost il-pajjiżi li qed jiġu meġġuna fil-**Qarn ta' l-Afrika**, l-akbar attenzjoni se tibqa' tingħata lis-**Sudan** fejn 20 sena ta' gwerra ċivili u s-seħħ frekwenti ta' diżastri naturali laqtu partijiet kbar tal-pajjiż. Ikunu xi jkunu r-riżultati tan-negozjati ta' paċi li għaddejjin bħalissa, tibqa' l-ħtieġa urġenti ta' l-għajnuna umanitarja u għalhekk l-ECHO se jżomm l-impenn tiegħu għall-2004 sabiex jgħin lill-popolazzjoni l-aktar vulnerabbli u fil-bżonn. L-għan ewlieni se jkun approċċ multisettorjali (saħħa, nutrizzjoni, ilma u iġjene, sigurtà ta' l-ikel) li jiffoka fuq il-mandat ewlieni ta' l-ECHO. Il-potenzjal li terġa' tibda il-kooperazzjoni formali jista' jiftaħ il-bibien għat-titjib ta' l-implimentazzjoni tal-politika LRRD. Fl-aħħar, meta possibbli, se jissaħħu setturi rilevanti bħall-protezzjoni tat-tfal, *gender issues* u HIV/AIDS. Operazzjonijiet għall-kriżijiet minsija tas-**Somalja** u ta' l-**Uganda ta' Fuq** se jżommu l-profil tagħhom (l-aktar is-saħħa, in-nutrizzjoni, l-ilma, u l-iġjene) sakemm jibqgħu l-prospetti limitati għall-kunflitti interni li gggravaw it-tbatija umanitarja. Wara l-istress maħluq min-nixfa ta' l-2002 u l-2003 fuq il-popolazzjonijiet għa' vulnerabbli ta' l-**Etiopja** u l-**Eritrea**, l-ECHO se jkompli jindirizza l-ħtiġijiet serji li jinqalgħu kif ukoll jikkordina, flimkien ma' servizzi oħra, għal rispons LRRD u DPP effettiv min-naħa tal-Kummissjoni sabiex tissaħħa l-għajnuna mogħtija għall-emerġenza tan-nixfa. Fil-**Kenja**, wara l-*phase out* fl-2003 tar-rispons ta' l-ECHO għall-emerġenza u l-post-emerġenza tan-nixfa, is-sitwazzjoni qiegħda tiġi osservata b'attenzjoni sabiex jiġi żgurat twettiq xieraq tal-politika DPP u LRRD.

Fil-**Afrika tal-Punent**, l-Uffiċċju se jkompli jagħti għajnuna umanitarja lil-Liberja, il-Kosta ta' l-Avorju, is-Sierra Leone u l-Ginea. Ser jittieħed approċċ reġjonali għax-Xatt tal-Punent ta' l-Afrika ħalli tinżamm l-akbar flessibilità sabiex tiġi affrontata din il-kriżi reġjonali

Il-qagħda ġenerali tas-sigurtà fis-**Sierra Leone** tjiebet fl-2003. Flimkien ma' l-implimentazzjoni b'suċċess ta' approċċ LRRD, dan għandu jippermetti lill-ECHO inaqqas sostanzjalment il-kontribut finanzjarju tiegħu u jwaqqaf il-proġett gradwalment sa l-2004. Fil-**Ginea**, l-ECHO ser jiffoka l-appoġġ tiegħu fuq il-kampijiet f' Nzérékoré li għadhom jeħtieġu l-għajnuna ta' emerġenza.

L-għajnuna umanitarja se tiffoka prinċipalment fuq il-**Liberja** fejn is-sitwazzjoni umanitarja marret għall-agħar b'mod drastiku. Partijiet kbar tal-popolazzjoni kellhom jitolqu minn djarhom minħabba l-ġlied, filwaqt li s-servizzi bażiċi huma prattikament non-eżistenti. L-iskop kollu tal-kriżi umanitarja ma jistax jiġi assessjat għall-kollox minħabba nuqqas ta' aċċess fil-biċċa l-kbira tal-pajjiż.

Fil-**Kosta ta' l-Avorju**, xi progress posittiv sar fuq livell politiku fit-tnedija ta' l-implimentazzjoni tal-Ftehim Marcoussis; madankollu, il-qagħda tibqa' waħda volatili għall-aħħar. Il-pajjiż għadu maqsum bejn il-forzi governattivi u l-“forces nouvelles” (li qabel kienu ribelli). Is-servizzi pubbliċi mhumiex disponibbli f'partijiet kbar tal-pajjiż.

Impenn ewlieni fir-reġjun ta' l-Afrika tal-Punent se jkun jikkonċerna l-ħila għal rispons immedjat għall-mewġiet dejjem ġejja ta' popolazzjonijiet jiċċaqalqu minn post għall-ieħor, l-aktar internament u minn fruntiera għall-oħra. L-operazzjonijiet se jikkonċentraw fuq is-saħħa (l-aktar il-Liberja u l-Kosta ta' l-Avorju), in-nutrizzjoni (l-aktar il-Liberja u l-Kosta ta' l-Avorju), kif ukoll fuq l-ilma u l-iġjene (l-aktar is-Sierra Leone u l-Ginea). Dan se jkun msejjes fuq sħarriġ dettaljat tal-ħtiġijiet ta' kull wieħed

mill-pajjiżi kkonċernati. L-attivitajiet ta' protezzjoni u appoġġ lill-koordinazzjoni ta' l-għajnuna umanitarja li jkopru r-reġjun kollu se jkollhom rwol importanti fil-Pjan Globali reġjonali ta' l-2004.

Fir-Reġjun tal-Lagi l-Kbar fl-**Afrika Ċentrali**, l-2003 kien ikkaratterizzat minn progress ġenwin iżda s'issa inkonklussiv fil-proċessi ta' paċi reġjonali varji. Fil-**Burundi**, filwaqt li l-għoti tat-tmexxija minn President Tutsi għal wieħed Hutu seħħet kif mistenni f'Mejju ta' l-2003, il-qagħda baqgħet waħda ta' tensjoni, b'fazzjonijiet ribelli dissidenti li tħallew barra mill-proċess nazzjonali. Ġrajjiet perjodiċi ta' vjolenza qed ikomplu jiddestabilizzaw partijiet tal-pajjiż, u qegħdin jikkawżaw ċaqliq ta' nies minn djarhom u tbatija kbira. L-ECHO se jsegwi strateġija multisettorjali (saħħa, nutrizzjoni, sigurtà ta' l-ikel, ilma) sabiex ikun f'pożizzjoni biex iwieġeb malajr għall-ħtiġijiet umanitarji skond kif jinqalgħu matul is-sena.

Fir-**Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)**, issa twaqqaf gvern ta' transizzjoni ta' l-unità nazzjonali. Wara s-suċċess tal-forza Artemis, immexxija mill-UE, fl-istabilizzar ta' Bunia, kontinġent tan-NU tela' f'numri akbar u b'mandat ġdid fir-reġunijiet ta' Ituri u Kivu. Madankollu, minkejja l-progressi possittivi fix-xena politika, il-vjolenza tkompli fil-provinċji tal-lvant. Huwa stmat li r-RDK għandha waħda mill-ogħla rati ta' mortalità infantili fid-dinja (205 għal kul 1000 twelid ħaj), u bħalissa l-pajjiż jokkupa l-ewwel post fl-assessjar ta' l-ECHO dwar il-bżonnijiet globali. Id-deterjorazzjoni tas-servizzi soċjali (speċjalment dwak tas-saħħa) wasslet għal żjieda kbira ħafna fl-imwiet minn mard komuni, filwaqt li l-prattika ta' stupru sistematiku li sseħħ fl-inħawi fejn hemm il-ġlied wasslet għal żjieda mgħaġġla fit-tixrid ta' l-HIV/AIDS. Is-sena 2004 se tkun waħda kruċjali għall-Kongo u r-reġjun tal-madwar. L-għajnuna umanitarja se tkun aktar importanti minn qabel, mhux biss biex jintlaħqu l-ħtiġijiet urġenti li jinqalgħu minn jum għall-ieħor f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt jew post-kunflitt, iżda wkoll sabiex isir kontribut xieraq lill-proċess ta' stabilizzazzjoni. Il-fokus ġeografiku se jkompli jkun fuq ir-reġjuni ta' Kivu u Ituri, u l-inħawi qrib il-front tal-gwerra li saru aċċessibbli dan l-aħħar. Il-finanzjament se jmur lejn is-setturi ewlenin li ġejjin: saħħa (individwazzjoni u trażżin ta' epidemiji ewlenin, servizz ta' saħħa bażiku), ikel u nutrizzjoni (trażżin u tnaqqis ta' rati akuti ta' malnutrizzjoni), IDPs u rifuġjati li qed jirritornaw (għajnuna ta' emerġenza għall-familji li għadhom kemm ħarbu minn djarhom u assistenza integrata sabiex jerġgħu lura) kif ukoll mandati speċjali (appoġġ għal aġenziji internazzjonali għal attivitajiet ta' protezzjoni u koordinazzjoni).

Filwaqt, it-**Tanzanija** tibqa' l-kenn ta' kważi nofs miljun rifuġjat (bejn wieħed u ieħor terz Kongoliżi u żewġ terzi Burundjani, il-biċċa l-kbira minnhom minn inħawi li għadhom instabbli wisq biex wieħed jikkunsidra rinpatriju). Biż-żjieda fir-restrizzjonijiet min-naħa governattiva u bit-tnaqqis ta' l-appoġġ tad-donaturi internazzjonali (li twassal għal qtugħ frekwenti fir-razzjonijiet ta' l-ikel), l-appoġġ kontinwu għall-programm tar-refuġjati tat-Tanzanija se jkun kruċjali. Hemm ipplanat, għall-2004, li l-għajnuna ta' l-ikel għar-refuġjati timxi mill-budget umanitarju għal dak tas-sigurtà ta' l-ikel.

Minkejja sinjali li jindikaw ritorn għan-normalità, wara 2003 mqanqal, operazzjonijiet umanitarji oħra għandhom mnejn ikunu meħtieġa fuq skala iżgħar f'pajjiżi oħra tar-reġjun, l-aktar fir-**Repubblika tal-Kongo (Brazzaville)** u fir-**Repubblika Afrikana Ċentrali**, fejn l-ECHO ser ikompli josserva s-sitwazzjoni mill-qrib. ECHO se jagħmel evalwazzjoni globali ta' l-intervenzjonijiet DIPECHO li seħħew fl-imgħoddi fil-Karibew. Jista' jkun li jitfassal Pjan ta' Azzjoni ieħor, skond ir-riżultat ta' din l-evalwazzjoni.

L-Istati Indipendenti Ġodda (NIS) u l-Mongolja

Fin-NIS l-ECHO se jkompli jwieġeb għall-ħtiġijiet umanitarji li nħolqu minħabba l-kunflitt fiċ-**Ċeċnija**. Il-ħtiġijiet umanitarji jibqgħu għoljin minħabba li l-popolazzjoni ċivili tibqa' l-vittima ewlenija ta' dan il-kunflitt ikkaratterizzat minn vjolazzjonijiet kbar tad-drittijiet tal-bniedem u tal-liġi internazzjonali. Fiċ-Ċeċnija, is-servizzi tas-saħħa u ta' l-ilma bilkemm jiffunzjonaw u ħafna nies iħabbtu wiċċhom ma' problemi kbar biex isibu l-ikel. Barra Ċ-Ċeċnija, il-qagħda ta' l-IDPs fl-**Inguxezja** u d-**Dagestan** tibqa' prekarja u mogħtija ftit li xejn attenzjoni mill-komunità internazzjonali.

Skond xi jkun l-kundizzjonijiet ta' aċċess u sigurtà, l-ECHO ser jipprova jilqa' għall-ħtiġijiet bażiċi ta' l-IDPs u l-popolazzjoni l-aktar vulnerabbli fiċ-Ċeċnija kif ukoll fir-repubbliċi ġirien ta' l-Inguxezja u d-Dagestan. L-operazzjonijiet ser jinkludu l-ikel, il-kura medika (b'importanza mogħtija lill-kura tas-saħħa ta' l-omm u t-tarbija, u l-appoġġ lil sptarijiet tat-tfal fiċ-Ċeċnija), kenn, ilma u iġjene, protezzjoni, attivitajiet ta' informazzjoni dwar il-mini splussivi, u proġetti psiko-soċjali. L-iskop ta' din l-ġajjnuna se jiddependi fuq il-mod kif il-kunflitt, u għalhekk il-ħtiġijiet umanitarji, jiżviluppaw. Sabiex jitjeb l-istħarriġ dwar l-assistenza tiegħu, l-ECHO se jkompli bil-pjan biex jiftaħ Uffiċċju f' Nazran, ħaġa li ma kinitx possibbli fl-2003 minħabba l-attitudni ta' l-awtoritajiet Russi.

L-ECHO se jżomm il-preżenza tiegħu fil-**Ġeorġja**, fejn ma jidhirx li s-sitwazzjoni umanitarja sejra titjeb f'qasir żmien. L-Uffiċċju jkun laħaq neħħa lill-Armenja mill-programmi tiegħu sa l-2004 wara deċiżjoni finali fl-2003. M'għadux preżenti fl-Ażerbajġan, imma fid-dawl tal-kundizzjonijiet diffiċli li għadhom jeżistu għal bosta mir-refuġjati hemmhekk, sejjer isir assessjar mill-ġdid tal-qagħda f'dak il-pajjiż.

L-2004 se tkun l-ewwel sena bi pjan ta' *phasing-out* ta' tliet snin għat-**Taġikistan**, issa li l-impatti immedjati tal-gwerra u n-nixfa naqsu. TACIS se tkun aktar attiva fl-2004 u għalhekk l-operazzjonijiet ECHO se jitfasslu fl-isfond ta' l-LRRD. Il-fondi umanitarji se jkun probabilmment maqsuma ndaqs bejn is-setturi ta' l-ilma u l-iġjene, l-ikel, u s-saħħa, li jfisser li proporzjon akbar ta' fondi se jmorru għall-ilma u l-iġjene milli fis-snin imgħoddija.

Sakemm ma jkunx hemm diżastru xitwi ieħor b' konsegwenzi umanitarji kbar, ECHO mhux ser jappoġġja attivitajiet ta' ġajjnuna fil-Mongolja fl-2004. Madankollu, ser jeżamina l-possibiltà ta' ġajjnuna finanzjarja għal dak li għandu x'jaqşam ma' tħejjija għall-emerġenzi tad-diżastri, minħabba li l-Mongolja hija pajjiż li jħabbat wiċċu ta' spiss ma' problemi bħal dawn.

Il-Pajjiżi Mediterranji u l-Lvant Nofsani

L-għan ewlieni ta' l-istrateġija ta' l-Uffiċċju għal dan ir-reġjun hija li tikkontribwixxi biex tipprevjeni li jiżienu l-kundizzjonijiet tar-rifuġjati u r-residenti Palestinjani, l-aktar dawk li qegħdin fil-kampijiet u f'inħawi li huma mbiegħda, magħluqa u iżolati.

Is-sitwazzjoni umanitarja fl-**Artijiet Okkupati** sejjer lura b'rata li tmur lil hinn mill-ħila ta' azzjoni li għandha l-komunità internazzjonali. Il-bini li għaddej bħalissa ta' l-hekk imsejjaħ "Ħajt ta' Separazzjoni" fix-Xatt tal-Punent ikompli jiggrava sitwazzjoni

drammatika, ikabbar il-vulnerabbiltà tal-popolazzjoni, u jżid id-diffikultajiet u l-ispejjeż għal dawk li qegħdin jipprovdu l-għajnuna umanitarja. L-ECHO se jkompli jirrispondi billi jaħdem fuq is-setturi ewlenin ta' l-ilma u l-iġjene, is-saħħa, l-ikel, il-ħolqien ta' l-impjiegi u d-dħul, il-ħarsien, l-appoġġ psikosoċjali, id-difiża tal-kawżi u l-prinċipji u l-koordinazzjoni, u r-riabilitazzjoni tal-postijiet tal-kenn. Minħabba l-vulnerabbiltà tagħhom, it-tfal se jkomplu jkunu grupp ta' priorità.

Xi 430.000 jew aktar rifuġjat Palestinjan fil-**Libanu** jibqa' grupp minsi fi ħdan kriżi viżibbli. Il-prekarjetà tal-kundizzjonijiet ta' għixien tagħhom hija kritika kemm minħabba l-perspettiva mbiegħda ta' soluzzjoni għall-kriżi Palestinjana, inkluża l-kwistjoni dwar fejn se jrin finalment jgħixu, kif ukoll minħabba l-politika mħaddma mill-awtoritajiet Libaniżi fil-konfronti tagħhom. L-għajnuna lir-rifuġjati Palestinjani fil-Libanu sejra tkompli tingħata fis-setturi ewlenin ta' l-ilma u l-iġjene, il-ħolqien ta' l-impjiegi u d-dħul finanzjarju, is-saħħa u l-appoġġ psikosoċjali, ir-riabilitazzjoni tal-postijiet tal-kenn.

Il-bżonnijiet umanitarji ta' xi 1.700.000 u 410.000 refuġjat Palestinjan fil-Ġordan u s-Sirja rispettivament, ma jeħtiġux rispons umanitarju speċifiku f'dan l-istadju. Madankollu, jekk titqies l-evoluzzjoni li diffiċli biex titbassar, tad-dinamika politika tal-Lvant Nofsani, dawn ir-rifuġjati jibqgħu grupp problematiku.

Il-qagħda tar-**rifuġjati Sahrawi** tibqa' kriżi minsija, l-aktar minħabba tnaqqis kbir ta' donazzjonijiet u attenzjoni internazzjonali limitata. Soluzzjoni politika għal dan il-kunflitt għadha inċerta. L-iskop ta' l-appoġġ ta' ECHO se jkun marbut sfiq mal-progress li sar fit-titjib ta' l-immaniġġjar ta' l-operazzjonijiet mill-imsieħba tiegħu fir-reġjun wara li ttieħdu jew ġew ippjanati numru ta' miżuri sabiex jissaħħa il-kontroll fuq id-distribuzzjoni tal-materjal umanitarju. Warra t-terremot ta' l-2003 fl-**Alġerija** (Boumerdes), il-qagħda sejra tiġi mistħarrġa mill-qrib. Skond kif tevolvi s-sitwazzjoni, għandu mnejn ikun hemm bżonn li tittieħed deċiżjoni fl-2004 sabiex tkopri l-ħtiġijiet li jkun baqa', speċjalment fis-settur tas-saħħa.

Għad hemm bosta ħtiġijiet umanitarji fil-**Jemen** li mhumieħ affrontati, l-aktar minħabba nuqqas ta' għajnuna internazzjonali. Dawn il-ħtiġijiet jistgħu jitqiesu bħala minsija fi-dawl tan-nuqqas ta' interess li jintwera mid-donaturi internazzjonali. Dan jidher l-aktar fis-setturi ta' l-ilma u tas-saħħa fl-aktar inħawi mbiegħda, li huma l-miri ewlenin ta' l-2004.

Wara l-estensjoni b'suċċess tal-programm **DIPECHO** għall-Asja Ċentrali fl-2003, it-tieni Pjan ta' Azzjoni għall-Asja Ċentrali ser jitnieda u għal darb' oħra se jagħfas fuq it-Taġikistan u anki, iżda xi ftit inqas, fuq il-Kirgiztan u l-Uzbekistan.

L-Asja u l-Amerika Latina

L-aktar żewġ postijiet importanti għall-operazzjonijiet umanitarji fl-Asja se jibqgħu l-**Iraq** u l-**Afganistan**, li t-tnejn li huma jidhru fil-kategorija tal-ħtiġijiet urġenti fl-assessjar tal-bżonnijiet globali ta' l-ECHO ta' l-2004. Fiż-żewġ pajjiżi, is-sitwazzjoni tas-sigurtà iddeterjorat b'mod sinifikanti fl-aħħar nofs ta' l-2003, u l-attivitajiet fl-inħawi bl-aktar bżonn urġenti huma mxejjla serjament minħabba diffikultajiet ta' aċċess. Is-sigurtà ser tkompli tkun kwistjoni vitali fiż-żewġ pajjiżi.

Fl-**Iraq** is-setturi ewlenin tal-fażi ta' l-irkupru ta' wara l-gwerra se jibqgħu probabilmment is-saħħa u l-ilma/iġjene. Madankollu, l-appoġġ ta' l-ECHO jista' jingħata wkoll lil setturi oħra bħar-riabilitazzjoni, l-IDPs, u attivitajiet relatati mal-mini splussivi.

L-Uffiċċju se jkompli jaħdem mill-qrib mas-Servizzi tal-Kummissjoni l-oħra li qed jaħdmu fil-proċess tal-bini mill-ġdid; dan sabiex ikun hemm rabta tajba bejn il-proċessi umanitarji u l-proċess ta' żvilupp fl-**Afganistan**, fejn l-ammont ta' refuġjati issa batta mir-rati ta' ritorn għolja ta' l-aħħar ta' l-2002. Is-setturi ewlenin se jkunu l-ilma u l-appoġġ għall-għixien, l-aktar fin-Nofsinhar fejn l-effett ta' 5 snin ta' nixfa għadhom qed jinħassu. Se jkun hemm ukoll livell sinifikanti ta' attivitajiet ta' protezzjoni, kemm għal dawk li qed jirritornaw u għal dawk miżmuma fl-Afganistan, kif ukoll għar-rifuġjati Afgani li għad baqa' fil-**Pakistan** u fl-**Iran**. Se jsir ukoll sħarriġ komprensiv dwar il-qagħda umanitarja kollha hemm hi tal-Pakistan.

Il-ħtiġijiet minsija se jibqa' jkollhom rwol importanti fl-operazzjonijiet umanitarji fil-bqija ta' l-Asja. L-ewwel, **il-Korea ta' Fuq** għandha ħtiġijiet umanitarji kbar għall-aħħar, iżda minkejja l-profil politiku għoli tagħha, hemm xorta waħda nuqqas serju ta' attenzjoni mid-donaturi. L-attivitajiet se jkomplu jdur madwar is-settur tas-saħħa bil-ħsieb li jintroduċu aktar imsieħba u jestendu l-iskop ġeografiku ta' l-operazzjonijiet. It-tieni, l-għajnuna ta' l-ikel fin-Nepal sejra tingħata lir-refuġjati Butani li baqgħu fil-kampijiet fuq il-fruntiera, billi m'għandhomx għejjun oħra ta' nutrizzjoni. Il-kura tas-saħħa u l-attivitajiet ta' protezzjoni se jrin ukoll jolqtu l-popolazzjonijiet affettwati mir-ribelljoni Maoista li ilha għaddejja għal ħafna żmien - hawnhekk ukoll hawn relattivament ftit donaturi. It-tielet, is-sitwazzjoni umanitarja f' **Burma/il-Mijanmar** għadha waħda inkwetanti, iktar u iktar meta huwa impossibli li wieħed jidħol f' partijiet kbar tal-pajjiż, speċjalment fuq il-fruntieri mat-Tajlandja u maċ-Ċina, fejn jgħixu bosta mill-minoranzi etniċi l-aktar vulnerabbli, minħabba f'restrizzjonijiet governattivi. L-attivitajiet hawnhekk se jiffukaw fuq is-saħħa, in-nutrizzjoni u l-protezzjoni, u l-għajnuna se tkompli tingħata lir-refuġjati Burmi tal-kampijiet fit-**Tajlandja**.

Fin-Nofsinhar ta' l-Asja, l-operazzjonijiet fl-**Indja** se jkunu favur il-vittmi ta' diżastri naturali kbar. Dawn se jkomplu jirrispondu għall-ħtiġijiet minsija ta' nies vulnerabbli milquta minn kunflitti politiċi vjolenti, inklużi dawk milquta mis-sitwazzjoni f' Jammu u l-Kaxmir fejn jidher li l-ECHO huwa l-uniku donatur. L-istrateġija għal **Sri Lanka** se tiddependi fuq il-progress ta' l-inizjattiva għall-paċi. Jekk din tkompli b'mod pożittiv, l-għajnuna għar-ritorn tingħata lil dawk l-IDPs u r-refuġjati li qed jerġgħu lura lejn djarhom. Madankollu, bidu mill-ġdid tal-kunflitt ikun ifisser li l-għajnuna tkun ikkonċentrata f' Jaffna, li terġa' tiġi iżolata, u fuq żoni ta' gwerra skond kif tkun is-sitwazzjoni tas-sigurtà. Fil-**Bangladexx**, l-ECHO se jaġixxi biss jekk ikun hemm xi għargħar serju u mifruż jew diżastri naturali oħra.

Fl-Asja tax-Xlokk, l-ECHO se jkompli bil-proċess ta' *phase-out* gradwali mill-**Kambodja** u mil-**Laos**, b'*handover* progressiv lill-organizzjonijiet li jaħdmu fuq medda itwal ta' żmien. Fl-**Indoneżja** u fil-**Filippini**, l-għajnuna se tingħata lil IDPs f'dak li għandu x'jaqşam ma' ċaqliq furzat jew ritorn f'inħawi ta' kunflitt, fil-każ ta' postijiet fejn l-organizzazzjonijiet lokali ma jistgħux ilaħħqu max-xogħol. Attivitajiet oħra se jkunu mxerrda mar-reġjun kollu, inkluż **il-Vjetnam** u **t-Timor tal-Lvant**, f'każ ta' kwalunkwe diżastru naturali, speċjalment l-għargħar. Fiċ-**Ċina** wkoll, ir-rispons se jiffoka biss fuq id-diżastri naturali, l-aktar f'inħawi remoti bħat-Tibet jew Xinjiang.

Fl-Amerika Latina, il-Kolombja se terġa' tkun l-isfera ewlenija ta' l-operazzjonijiet, bl-enfażi tkun fuq l-għajnuna biex l-IDPs jissoppravvivo u jistabilixxu rwieħhom fis-sitwazzjonijiet ġodda tagħhom fl-ewwel sena wara c-ċaqliq minn djarhom.

Issa li s-sitwazzjoni nutrittiva fil-pajjiżi ta' **l-Amerika Ċentrali** qed turi sinjali ta' titjib, l-operazzjonijiet se jseħħu biss fil-każ ta' diżastri naturali fejn il-ħila indiġena ma tkunx tista' tlaħħaq ma' l-emerġenza.

F' dak li għandu x'jaqsam mal-programm **DIPECHO**, se jitfasslu Pjanijiet ta' Azzjoni għall-2004 għall-Amerika Ċentrali u għall-Asja tax-Xlokk, b'enfażi fuq bżonnijiet speċifiċi ħafna fl-oqsma tat-tnejja u l-mitigazzjoni fuq skala żgħira, u li jiġu identifikati permezz ta' evalwazzjoni ta' Pjanijiet ta' Azzjoni preċedenti. Ser tingħata wkoll priorità lit-tisdiq ta' kuntatti ma' attivitajiet ta' tnaqqis tar-riskju.

7. PRIORITAJIET RELATATI MA' L-IMSIEĦBA

L-2004 se tkun l-ewwel sena ta' l-implimentazzjoni ta' struttura legali u finanzjarja għar-relazzjonijiet ta' l-ECHO mal-familji differenti ta' l-imsieħba tagħha (aġenziji tan-NU, organizzazzjonijiet internazzjonali u NGO's). Dawn l-istrutturi m'għadhomx jiffukaw fuq *l-inputs* imma fuq id-definizzjoni ta' għanijiet u indikaturi ċari sabiex jitkejlu u jiġu assessjati aħjar l-operazzjonijiet iffinanzjati mill-Uffiċju.

Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Finanzjarju ġdid u r-Regoli għall-Implimentazzjoni tiegħu tal-Komunitajiet Ewropej f'Jannar ta' l-2003, il-Ftehim Finanzjarju u Amministrattiv bejn il-Komunità Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti (FAFA) ġie ffirmat nhar id-29 ta' April 2003 u japplika għal kull ftehim li għandu x'jaqsam mal-kontributi u li jsir bejn il-Kummissjoni u l-aġenziji tan-UN.

Il-Framework Partnership Agreements (FPAs) il-ġodda ma' l-NGOs u l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali (i.e. din tkopri Organizzazzjonijiet Internazzjonali li mhux firmatarji tal-FAFA, bħal l-IRC jew l-IFRC) tlestew u se jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2004.

FPAs eżistenti ma' NGOs ma ġewx awtomatikament imġedda. L-NGOs imsieħba li riedu jiffirmaw l-FPA il-ġdid kellhom jgħaddu minn proċess ta' selezzjoni bbażat fuq kriterji ta' kwalità kif stabbiliti mir-Regolament Finanzjarju tal-Kummissjoni. Dan il-proċess se japplika mill-1.1.2004 lir-rikjesti għat-tisħib kollha.

It-taħriġ ta' l-impjegati ta' l-imsieħba se tkun kwistjoni ewlenija fl-2004 sabiex ikun hemm transizzjoni kemm jista' jkun mingħajr intoppi mill-istruttura eżistenti għal dik ġdida. F'dan ir-rispett, programm sħiħ ta' taħriġ, li jkopri l-livell tal-kwartieri kif ukoll tas-sit tal-ħidma, se jseħħ matul l-ewwel nofs ta' l-2004. Materjal għat-taħriġ mfassal għat-tagħlim mill-bogħod se jitqassam lil NGOs interessati. L-ECHO bi ħsiebu wkoll jappoġġja inizjattivi ta' l-imsieħba nfushom biex jiżviluppaw materjal ta' taħriġ u biex jorganizzaw seminars. Għal dan il-għan, se toħroġ sejħa għall-proposti sabiex jintgħażlu proġetti xierqa.

Il-proċedura ta' selezzjoni imsemmija 'l fuq għandha tippermetti lill-Uffiċju jistabilixxi netwerk ta' msieħba ta' kwalità li jistgħu jimplimentaw operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-**verifika**, l-ECHO se jkompli już prattika stabilita ta' verifika ta' proġetti li tlestew, fil-kwartieri ta' l-imsieħba, fuq ċiklu ta' sentejn. L-enfażi fuq il-ġustifikazzjoni ta' l-ispejjeż u fuq l-analiżi tas-sistemi finanzjarji ta' l-imsieħba se titkompla. Hekk kif jikber in-numru ta' verifiki konklużi, se jibda jiżviluppa inkarigu ġdid ta' analiżi ta' l-azzjonijiet meħuda mill-imsieħba fuq rakkomandazzjonijiet ta' verifika preċedenti. Il-proġetti li jkunu għaddejjin fuq is-sit ta' l-azzjoni se jkompli jiġu vverifikati, bil-verifika tkun ibbażata primarjament fuq il-profil ta' riskju u daqs ta' l-imsieħeb. Sabiex jiġi żgurat li l-proċess tal-verifika jibqa' aġġornat, il-metodoloġija tal-verifika ser tiġi rfinuta aktar, billi jsir użu effettiv ta' riżorsi ta' verifika kemm interni kif ukoll esterni.

8. KWISTJONIJET U PRIORITAJET ORIZZONTALI OĦRA

Għotjiet tematiċi: Fuq skala limitata, l-ECHO se jkompli jimplimenta wkoll approċċ tematiku għall-finanzjament, sabiex jappoġġja l-mandati speċjali ta' l-imsieħba speċifiċi. Il-kundizzjoni se tkun li l-għotjiet tematiċi jiksbu valur miżjud sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet komunitarji u jissaħħu l-kapaċitajiet risponsivi tal-komunità umanitarja, inkluż is-sigurtà tal-ħaddiema. Fl-2002/2003, l-ECHO ġa appoġġja lill-UNHCR fl-implimentazzjoni tal-mandat ewlieni tagħha- il-ħarsien tar-refuġjati- billi ffinanzja l-operazzjonijiet ta' protezzjoni, sigurtà u reġistrazzjoni tal-UNHCR. Dawn il-fondi ppermettew lill-UNHCR biex tiżviluppa għodda ta' software għar-reġistrazzjoni unifikata tar-refuġjati li se tiġi implimentata f' 20 pajjiż fl-2004. L-appoġġ għal attivitajiet tematiċi oħra qed jiġi kkunsidrat għall-2004 inklużi, possibilmint, drittijiet tat-tfal u t-tiġib tal-mekkaniżmi tal-koordinazzjoni ta' l-operazzjonijiet umanitarji.

Evalwazzjoni: Bħal ma ġara fl-2003, il-programm ta' evalwazzjoni ta' l-ECHO se jkun sinkronizzat mal-management ta' l-operazzjonijiet umanitarji u jżomm l-enfażi triplici tiegħu: **operazzjonijiet fil-pajjiżi** (pjanijiet globali, deċiżjonijiet u kuntratti ta' operazzjoni); **imsieħba** (eż. MSF); u **kwistjonijiet tematiċi** (eż. ilma, tfal, *gender* eċċ.). Madankollu, l-aktar fl-għażla ta' l-istudji tematiċi u s-suġġetti magħżula għal evalwazzjoni konġunta ma' ċerti stati membri ta' l-UE, il-pjan ta' evalwazzjoni annwali ta' l-ECHO se juri r-rabta isħeħ ma' ċiklu ta' programmazzjoni strateġika ta' l-ECHO. Dan sabiex tkun kapaċi tanalizza aħjar l-attivitajiet tagħha f'relazzjoni ma' l-għanijiet strateġiċi. Biex tkun aktar effettiva din ir-rabta, il-programm għall-evalwazzjonijiet se jkollu perspettiva ta' aktar minn sena bil-quddiem. Enfażi oħra issa sejra tingħata wkoll lill-użu ta' l-evalwazzjonijiet, l-istudji u l-verifiki, sabiex jinħolqu metodoloġiji, gwidi u għodda li jistgħu jintużaw biex jgħinu lill-imsieħba ta' l-ECHO fit-tentattivi tagħhom biex jibnu l-ħila teknika.

Strateġija ta' informazzjoni u komunikazzjoni: Attivitajiet ta' informazzjoni matul l-2004 se jiffukaw fuq il-komunikazzjoni tal-valuri, il-prinċipji u l-kisbiet konkreti ta' l-għajnuna umanitarja ta' l-UE, b'enfażi partikolari fuq il-bżonn li jinżamm "spazju umanitarju" waqt il-kriżijiet u biex tiġi ppreservata d-dinjità ta' popolazzjonijiet f'qagħdiet umanitarji estremi.

L-istrateġija se titmexxa fuq erba' orjentazzjonijiet essenzjali: se timmira għax-xandara ta' l-informazzjoni bħal ma huma l-mexxejja ta' l-opinjoni fl-UE u fil-pajjiżi ta' l-adeżjoni l-ġdida, kif ukoll żgħażagħ u l-mezzi tax-xandir; se tiffoka fuq tixrid ta' informazzjoni aħjar billi timxi minn sempliċi azzjonijiet ta' viżibbiltà għal promozzjoni attiva ta' prinċipji u valuri umanitarji; u finalment, se tapplika approċċ rigoruż f'dak li għandu

x'jaqşam ma'l-infiq effettiv, permezz ta'l-użu l-aktar xieraq possibbli tar-riżorsi disponibbli. Dan jimplika –*inter alia*– użu akbar ta' għodod ta' informazzjoni ta' impatt għoli bħalma huma l-produzzjonijiet awdjoviżivi u l-internet.

Titjib fis-sistemi ta' rappurtar u l-ambjent informatiku: L-approċċ ta' l-ECHO, li huwa msejjes fuq il-wirja u r-riżultati tiegħu, li jitmexxa *inter alia* mal-FPA l-ġdid, se jintrifed minn addattament ta' l-għodod ta' rappurtar u s-sistemi ta' informatika ġa eżistenti fl-ECHO. Il-kontroll effettiv ta' operazzjonijiet iffinanzjati jiddependi fil-biċċa l-kbira, mill-kontributi pprovduti mill-*field offices*. Huwa għalhekk kruċjali li r-rappurtaġġ minn dawn l-uffiċċji jippermetti lill-ECHO jimmoniterja r-riżultati tal-kisbiet ta' l-għanijiet tiegħu u l-qawwa ta' l-impatt ta' l-operazzjonijiet ta' għajjnuna umanitarja. Sejrin għalhekk jintużaw linji ta' gwida ġodda għar-rappurtar li se jintużaw mill-esperti fil-qasam sabiex jiġu ffaċilitati l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' l-istrateġija ta' għajjnuna annwali, il-kontroll tad-deċizzjonijiet dwar il-finanzjament u l-assessjar ta' l-operazzjonijiet ta' l-imsieħba.

Fil-kuntest tal-HOLIS ("Humanitarian Office Local Information System"), li huwa l-programm multi-annwali ta' l-ECHO sabiex jaġġorna l-ambjent informatiku tiegħu, il-programm ta' xogħol għall-2004 se jagħfas fuq l-iżvilupp ta' software għall-*worksheet* il-ġdida li tintuża għall-valutazzjoni tal-proġetti ("FichOp 2G"). Prototip se jkun disponibbli fi tmiem l-2004. Dan jinkludi wkoll adattamenti neċessarji tas-sistemi ta' informazzjoni lokali għall-bidliet ippjanati fl-applikazzjonijiet informatiċi tal-Kummissjoni (p.e. SINCOM III and CRIS).

Is-sigurtà tal-ħaddiema tas-sokkors: It-titjib tas-sigurtà tal-ħaddiema umanitarji u l-ħarsien tal-ħaddiema ta' l-ECHO se jkunu tema ewlenija fl-2004. L-Uffiċċju se jkompli bl-isforzi tiegħu biex isahħa is-sistema ta' *management* tas-sigurtà fil-kwartieri tiegħu u fuq is-sit ta' l-azzjoni bis-saħħa ta' koordinazzjoni u kollaborazzjoni aħjar fuq kwistjonijiet ta' sigurtà ma' l-imsieħba umanitarji. Il-mekkaniżmi tas-sigurtà ta' l-imsieħba se tissaħħa ukoll. Se jittieħdu bosta inizjattivi fil-qasam tat-taħriġ u ta' l-ekwipaġġment, partikolarment il-finanzjament ta' oġġetti ta' sigurtà (p.e. radji VHF) fi ħdan kuntratti regolari. Sejra wkoll tipprovi appoġġ akbar għal proġetti u studji speċifiċi li għadhom x'jaqsmu mas-sigurtà flimkien ma' l-imsieħba partikolari.

L-ECHO se jkompli jsegwi mill-qrib u jappoġġja x-xogħol ta' l-Aġenzija tan-NU f'dak li għandu x'jaqşam mal-passi meħuda sabiex jiġi żgurat il-ħarsien tal-ħaddiema tan-NU, il-ħaddiema assoċjati u l-ħaddiema umanitarji li jkunu qegħdin joperaw f'żoni ta' kunflitt, kif mitlub mir-Riżoluzzjoni 1502 (2203) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. L-ECHO se jkompli jeżerċita rwol ta' affermazzjoni ta' kawżi u prinċipji, favur il-filosofija li fuqha huwa msejjes dan id-dokument, l-aktar dwar l-għajjnuna umanitarja li trid tibqa' newtrali sabiex ma jsirx kapital minnha minn kunsiderazzjonijiet politiċi u għalhekk ma tiġix mhedda s-sigurtà tal-ħaddiema umanitarji.

9. KONKLUŻJONI

L-ECHO se jibqa' impenjat f' politika li timxi strettament mal-prinċipji u l-valuri fundamentali ta' l-għajjnuna umanitarja, jiġifieri n-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza. L-ECHO huwa konvint li adeżjoni stretta ma' dawn il-prinċipji hija aktar importanti minn qatt qabel minħabba f'kurrenti inkwetanti, kemm f'kuntest istituzzjonali fejn ċertu forzi politiċi itendu jqisu l-għajjnuna umanitarja bħala strument tal-politika

barranija jew ta' *crisis management*, kif ukoll fir-realtà dejjem aktar perikoluża fejn l-operazzjonijiet umanitarji infushom qed isiru l-mira ta' fazzjonijiet ġellieda.

Għall-ECHO, l-aħjar mod sabiex jiġi ppreservat "l-ispazju umanitarju" huwa li jinżamm livell għoli ta' impenn fi prinċipji ta' donazzjoni xierqa (i.e. li tingħata l-għajnuna minħabba l-ħtieġa u mhux minħabba kunsiderazzjonijiet politiċi), li tibqa' tinżamm ir-rabta ma'l-għoti ta'għajnuna ta' kwalità għolja, u li jinżamm djalogu trasparenti ma' protagonisti ewlenin oħra, kemm fuq livell bilaterali kif ukoll f' fora umanitarji multilaterali

L-esperjenza tal-kriżijiet reċenti fl-Afganistan, il-Lvant Nofsani u l-Iraq juru li l-prinċipji msemmija hawn fuq huma ħtiġijiet ewlenin għall-għoti effettiv ta'l-għajnuna, għall-ħarsien tal-ħajjiet u s-sigurtà tal-ħaddiema umanitarji, u sabiex jinżamm miftuħ l-aċċess għall-poplazzjonijiet fi bżonn.

Filwaqt li jfittex mekkaniżmi xierqa u relevanti ta' qsim ta'informazzjoni, l-attivitajiet ta' *management* ta' kriżijiet politiko-militari għandu jinżamm strettament mifrud minn operazzjonijiet purament umanitarji. Ir-rispett tal-liġi umanitarja Internazzjonali mill-partijiet kollha involuti, inklużi d-donaturi, għandha tibqa' prinċipju fundamentali għall-għajnuna umanitarja, li tibqa' kemm-il darba l-unika tama ta' ħajja u sopravivenza għal miljuni ta' persuni ddisprati.